**18 ta' Jannar, 1961**
**Imħallef:—**
**Onor. Dr. J. Flores, B.L. Can., LL.D.**

Il-Pulizija
*versus*
Joseph Vella

**Korruzzjoni ta' Minuri — Oltraġġ għall-Pudur Publiku — Art. 223 tal-Kodiċi Kriminali.**

*Il-fatt ta' min f'post publiku jew espost għall-publiku jesponi ruħu ndeċentement, u anke jagħmel atti mhux xierqa, imma li jiġi avvertit aċċidentalment minn xi ħadd li kien għaddej minn hemm, jikkostitwixxi mhux ir-reat ta' korruzzjoni ta' minuri, imma pjuttost dak ta' oltraġġ għall-pudur publiku, minħabba fid-defiċjenza tal-element intenzjonali ta' dan ir-reat.*

Il-Qorti:— Raţ ir-rikors ta' Joseph Vella, li bih appella mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta tad-9 ta' Diċembru 1960, u talab li jiġi liberat minn kull imputazzjoni u piena;

Rat l-imsemmija sentenza, li biha l-imputat ġie misjub ħati li b'għemil żieni, f'post publiku jew espost għall-publiku, ikkorrompa lil Salvina sive Sylvia Muscat persuna ta' taħt l-età; li b'għemil żieni, f'post publiku jew espost għall-publiku ikkorrompa lil Marianna Muscat, persuna ta' taħt l-età; u li offenda l-pudur u l-morali b'għemil f'lok publiku jew espost għall-publiku; u ġie kundannat għall-piena tal-

lavori forzati għal żmien erbgħa xhur u għall-multa ta' £5, fit-termini tal-art. 217(1) (3) (b), 223, 19(b) (f) (i) tal-Kodiċi Kriminali;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Irriżulta mid-depożizzjoni ta' Salvina sive Sylvia Muscat, ta' sittax il-sena, li fis-sajf tas-sena 1960, waqt li kienet għaddejja minn Trieq San Pawl, Bormla, hija rat il-ġewwa mill-bieb ta' shelter lill-appellant waħdu bil-qalziet miftuħ, u ratu jagħmel mossa b'idu, u jċaqlaq rasu. Hija assigurat lill-Qorti li ma kellu xejn barra. Xi ġranet wara reġgħet ratu fl-istess post jagħmel mossa b'idu, però bil-qalziet magħluq;

Marianna Muscat, ta' tnax il-sena magħluqa, waqt li kienet għaddejja rat lill-appellant fuq is-sur ta' San Ġwann, Bormla, bil-qegħda fuq ġebla waħdu, bil-qalziet imniżżel, u ratu . . . . u baqgħet għaddejja. Huwa ma pespsilhiex u ma qallha xejn;

Doris Pace, ta' ħdax il-sena, waqt li kienet għaddejja minn ħdejn xelter, rat lill-appellant fix-xelter għarwien;

F'dawn il-fatti l-Qorti tirravviża r-reat ta' oltraġġ għall-pudur magħmul fil-publiku, pjuttost milli reat ta' korruzzjoni ta' minuri, mħabba fid-deficjenza fl-element intenzjonali ta' dan ir-reat, billi dak li raw it-tfal ma kienx intenzjonat għalihom, imma rawh aċċidentalment waqt li kienu għaddejjin;

L-appellanti, ta' erbgħa u għoxrin sena, u ta' kondotta tajba ħafna, waqt il-ħin liberu minn fuq ix-xogħol kien imur waħdu u jagħmel l-atti fuq deskritti;

Għalkemm kien koxjenti u volontarju, l-għemil tal-appellant tipikament jissuġġerixxi trattament ieħor f'lok restrizzjoni karċerarja fl-interess soċjali u dak individwali tal-appellant stess;

**Għal dawn il-motivi;**

Tirrevoka s-sentenza appellata fejn l-appellant ġie misjub ħati ta' korruzzjoni ta' minuri u fejn ġie kundannat; tikkonferma l-istess sentenza fejn huwa ġie misjub ħati ta' oltraġġ għall-pudur b'għemil f'post publiku; tiddikjara lill-istess imputat ħati, f'lok tar-reat ta' korruzzjoni, ta' oltraġġ għall-pudur b'għemil f'lok publiku, fit-termini tal-art. 223 tal-Kodiċi Kriminali; u għar-raġunijiet fuq imsemmija, fit-termini tal-art. 7 u 23(a) tal-Kodiċi Kriminali, tikkundanna lill-isemmi Joseph Vella komplessivament għall-multa ta' *£15, u, bil-kunsens tiegħu,* tafdah taħt is-sorveljanza u direzzjoni tal-Principal Family Welfare Officer u ta' Dottor Paul Cassar għal żmien disgħa xhur.